MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 6/2004

**Mario Leo Attard**

**vs**

**Dominic Department Stores Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-9 ta’ Gunju, 2004, it-Tribunal Industrijali ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“**Introduzzjoni**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali permezz ta’ nota pprezentata fir-Registru tal-Qrati Superjuri fit-13 ta’ Jannar 2003 biex tigi pprocessata mit-Tribunal Industrijali ai termini ta’ l-Att XXII (Art. 73) dwar Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali.

L-Appellant Mario Leo Attard kien assistit mill-Avukat Andrew Borg-Cardona LL.D.

Is-Socjeta` Dominic Department Stores Limited kienet rapprezentata mis-Sur Domenic Sultana, Direttur li kien assistit mill-Avukat Michael Grech LL.D.

It-Tribunal zamm seba' (7) seduti.

**Dokumenti**

Tul is-smiegh tal-kaz gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti miz-zewg partijiet.

**Xhieda**

Tul is-smiegh tal-kwistjoni taw l-evidenza taghhom is-segwenti xhieda:

Is-Sur Mark Guzman - impjegat;
Is-Sur Joseph Cassar - *Salesman;*
Is-Sur Dominic Sultana - Direttur;
Is-Sur Mario Grech - Awditur;
Is-Sur Mario Leo Attard - l-Appellant;
Is-Sur Ivan Spiteri - *Enforcement Officer* fid-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u ta' l-Impieg.

**L-Istorja**

Is-Sur Mario Leo Attard kien gie mpjegat fid-9 ta' Ottubru 2000 bhala *Branch Manager* u ssensjat fit-18 ta' Settembru 2002, izda thallas sad-29 ta' l-istess xahar. Huwa kellu salarju ta' Erba' Mija u Tmienja u Sittin Lira Maltija fix-xahar meta spicca barra "commission" li ma kinitx determinata.

L-Appellant Attard jghid li gie mkecci meta kien marid *(sick)* u li t-terminazzjoni ta' l-impieg kienet ingusta u meta s-socjeta` impjegat lil certu Mark Guzman l-ghada li safa mkecci.

Is-Socjeta` tghid li l-impieg ta’ Mark Guzman ma hax post l-Appellant bhala ‘Branch Manager’ izda biex ikopri d-*deliveries.*

Is-Socjeta` tirreteni li t-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-Appellant kienet dovuta biex jitnaqqsu l-ispejjez.

L-Appellant ressaq “complaint” quddiem l-*Enforcement Section* tad-Dipartiment tax-Xoghol dwar hlas dovut lilu li s-socjeta` kkontendiet kienet hallset.

Pero` l-Appellant jirreteni li kkomplejnja wkoll dwar it-terminazzjoni ta’ l-impieg tieghu. Ir-raguni tat-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-Appellant fuq il-formola ta’ l-ETC tidher bhala “lack of work”, li s-socjeta` tirreteni kienet accettata mill-Appellant ghax iffirma l-istess *Termination Form* ta’ l-ETC.

L-Appellant irrisponda li hu ffirma l-formola ta’ l-ETC mhux ghax accetta t-terminazzjoni ta’ l-impieg izda biex ikun jista’ jirregistra u jiehu l-*Unemployment Benefit.*

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal josserva li l-Appellant jirriteni li l-impieg tieghu bhala *Branch Manager* gie tterminat minghajr raguni valida u waqt li kien marid (*sick*).

Is-Socjeta` tghid li ghamlet hekk ghax inhasset il-htiega li tirrevedi l-operat taghha, fi ftit diskors, tirristruttura l-mod kif tahdem. Tghid ukoll li barra li ma kinitx taf li l-Appellant kien irraporta “sick”, kienet gharrfet lill-Appellant permezz ta’ telefonata li kienet qeghda tikkunsidra jew sejra titterminalu l-impjieg, ghar-raguni biss li kellha bzonn tnaqqas l-ispejjez. Fil-formola tat-terminazzjoni ta’ l-impieg ir-raguni mnizzla tidher “lack of work”.

L-Appellant minn naha tieghu iddikjara li kien wassal ic-certifikat tal-mard hu stess u s’intendi implika ma ghamilx hekk ghax kellu xi hjiel li kien sejjer jigi ssensjat.

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal Industrijali htieglu jikkunsidra u jiddeciedi jekk l-Appellant giex issensjat ghall-raguni tajba u sufficjenti.

Jibda biex jinnota li minn dak li sema’ waqt ix-xhieda, is-socjeta` kienet ben konxja li l-Appellant kien “sick”, ghax ic-certifikat kien inghata bl-idejn lil certu Norman Guzman, impjegat li ghaddieh lil min kien responsabbli fil-hanut izda ghalkemm it-Tribunal josserva li ma hija xejn desiderabbli u etikament korretta li sid jillicenzja impjegat waqt li jkun “sick”, ma hemm xejn fil-Ligi li jipprekludieh li jaghmel hekk anke jekk bhal f’ dan il-kaz it-Tribunal hu sodisfatt li s-socjeta` kienet ben informata li l-Appellant kien “sick”.

Dak li ma hux ikkontestat hu li l-ahhar gurnata shieha li hadem l-Appellant kienet il-Gimgha 13 ta’ Settembru 2000. Meta dahal ghax-xoghol it-Tnejn 16 ta’ Settembru 2000. L-Appellant hassu ma jiflahx u telaq minn fuq ix-xoghol u ghamel “sick certificate” li jghid hadu hu “by-hand” xi jumejn wara u tah lill-impjegat Norman Guzman.

Ma hemmx dubju li l-Appellant iffirma t-*Termination Form,* u dan ghamlu ghax skond hu kieku ma ghamilx hekk ma kienx ikun intitolat ghas-*Social Benefit.*

Jidher ukoll u fuq din il-verzjoni ta’ l-Appellant u tar-rapprezentant tal-*Labour Office* ma taqbilx, jekk l-Appellant ikklejmjax li kien tkecca ngustament. Li hu zgur hu li l-ilment principali kien li ma thallasx in-*notice money* ta’ xi granet, fattur li gie kkontestat mis-socjeta`. Ghar-rigward jekk l-Appellant irreferiex ghar-raguni tat-tkeccija meta ressaq l-ilment tieghu lill-*Enforcement Section* tal-*Labour Office,* it-Tribunal Industrijali ma jeskludix li saret referenza ta’ din ix-xorta mill-Appellant. Hu x’inhu l-kaz, l-Appellant xorta kellu d-dritt li jressaq l-ilment tieghu dwar tkeccija ngusta quddiem it-Tribunal Industrijali.

Dak li gie kkonfermat mix-xhieda ta’ l-ufficjal tal-*Labour Office,* kien li l-Appellant ma kkomplejnjax li tkecca ghax kien “sick”, izda li tkecca meta kien “sick”.

Intqal mis-socjeta` li l-Appellant peress li kien iffirma l-formola ta’ l-ETC tat-terminazzjoni ta’ l-Impjieg kien accetta t-terminazzjoni ta’ l-impieg.

It-Tribunal Industrijali ma jaqbilx ma’ din l-interpretazzjoni tas-socjeta` ghax waqt li l-Appellant meta jiffirma jkun qieghed jikkonferma d-dettalji fil-formola, mhux necessarjament ikun qieghed jaqbel li t-terminazzjoni kienet gusta.

It-Tribunal Industrijali josserva li r-rendikont ghas-snin 2000 u 2001 ma jurux zbilanc, ghalkemm huwa minnu li seta’ kien hemm persentagg anqas ta’ profitt. Din fil-fehma tat-Tribunal tindika nuqqas ta’ *sales*, li mhux necessarjament huwa kkagunat mis-sistema tax-xoghol tas-socjeta`, izda seta’ kien probabbli li hekk kien il-kaz mill-“periodical purchasing power” tal-klijenti u/jew xerrejja.

Vera wkoll li nuqqas ta’ profitti jista’ jkun kagun ta’ “restructuring”.

Ghalhekk it-Tribunal Industrijali ried jezamina jekk ir-raguni ta’ ristrutturizzazzjoni tas-socjeta` kinitx il-vera raguni biex tittermina l-impieg ta’ l-Appellant u kemm din kienet ggustifikata.

It-Tribunal Industrijali ma jistax jinjora “restructuring” iggustifkat sakemm dan issir minghajr cirkostanzi sussegwenti attenwanti li jnaqqsu l-validita` taghha.

It-Tribunal josserva li ir- “restructuring” li sar kien ifisser it-tnehhija tal-post ta’ l-Appellant, li kien dak ta’ *Branch Manager,* izda ma hux konvint li d-doveri kollha li kellu l-Appellant spiccaw biex kien kostrett jaghmilhom is-Sur Domenic Sultana, l-*owner* meta certi doveri ta’ kuljum wisq probabbli gew assenjati lil haddiehor u meta gie mpjegat Mark Guzman immedjatament wara li spicca l-Appellant.

It-Tribunal ma jmerix il-fatt espress mis-socjeta` li Guzman ma giex impjegat flok l-Appellant izda t-Tribunal isiba ferm

difficili jaqbel li Guzman u Cassar ma kienu ghamlu xejn mill-mansjonijiet ta’ l-Appellant.

F’dawn ic-cirkostanzi t-Tribunal jifhem li kien ikun ferm ahjar li s-socjeta` pproponiet lill-Appellant ma jibqax “Branch Manager’ izda jaqdi d-drittijiet inferjuri li Mark Guzman gie impjegat biex jghamel.

Jista’ jkun li s-socjeta` ma dehrilhiex li tpoggi lill-Appellant f’ pozizzjoni ta’ “downgrading” li kienet tkun tammonta f’ nuqqas ta’ awtorita` u salarju, izda fil-fehma tat-Tribunal kienet tevita l-licenzjament ta’ l-Appellant u in fondo kienet tkun id-decizjoni ta’ l-Appellant jekk jaccettax jew le pozizzjoni inferjuri jekk hu veru li l-Appellant kien igawdi l-fiducja tas-Socjeta`.

Fi ftit paroli, ma hemm l-ebda dubju li ghalkemm is-socjeta` riedet tnaqqas l-ispejjez izda ma riditx tnaqqas in-numru ta’ l-impjegati u f’ dawn ic-cirkostanzi, it-Tribunal Industrijali hu tal-fehma li l-Appellant kellu kull dritt li jigi offrut u jinghata “first preference” ghall-impjieg fi grad inferjuri.

Izda fil-fehma tat-Tribunal il-mizura jew decizjoni li jigi tterminat l-impieg ta’ l-Appellant setghet tkun evitata.

**Decizjoni**

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-I*statements of Case* tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti, sema’ u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, isib u jiddeciedi, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, li t-terminazzjoni ta’ l-impieg ta’ l-Appellant Mario Leo Attard minn mas-socjeta` Dominic Department Stores Ltd ma kinitx ghal raguni tajba u sufficcjenti.

Fic-cirkostanzi t-Tribunal Industrijali jiddeciedi u jordna li s-socjeta` Dominic Department Stores Ltd ghandha thallas kumpens lill-Appellant Mario Leo Attard fis-somma ta’ sitt mitt Lira Maltija (Lm600) sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum mid-data ta’ din id-decizjoni.

Ghal finijiet ta' drittijiet li jithallsu t-Tribunal qieghed jiffissa dawn fl-ammont ta' Erbghin Lira Maltija (Lm40) lil kull wiehed mid-difensuri li assistew lill-partijiet f'din il-kwistjoni tax-xoghol.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol."

Is-socjeta` Dominic Department Stores Ltd interponiet appell minn din is-sentenza b' dawn l-aggravji:-

1. It-Tribunal Industrijali ecceda s-setghat tieghu. Hi tabbaza dan fuq l-assunt illi t-Tribunal ma ghandu l-ebda setgha li jindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha dwar kif tissupera d-diffikoltajiet finanzjarji li jistghu jizviluppaw. Issostni li d-diskrezzjoni tat-Tribunal hija limitata sabiex jigi determinat jekk il-mizura kienetx wahda genwinament gustifikata fic-cirkostanzi kollha tal-kaz;

2. It-Tribunal applika l-ligi skorrettement meta warrab il-fatt li huwa jista' biss jilqa' t-talba tar-rikorrenti quddiemu kemm-il darba r-ragunijiet ta' l-ilment ikunu bbazati tajjeb;

3. It-Tribunal naqas milli jikkonsidra l-element ta' akkweixxenza da parti tar-rikorrenti mpjegat ghad-decizjoni taghha;

4. It-Tribunal ma kienx korrett x' hin osserva li ma kienx konvint li wara t-temm ta' l-impjieg ix-xoghol ta' *branch manager* kien qed isir direttament minn Dominic Sultana mill-ufficcju centrali f' Ghawdex;

Permezz ta' rikors ntavolat fit-28 ta' Gunju 2004 Mario Leo Attard talab lil din il-Qorti sabiex tiddikjara l-appell interpost bhala null u bla effett. Fir-rigward talab li jinghata digriet kamerali fit-termini tal-proviso ta' l-Artikolu 82 (3) tal-Kapitolu 452. Il-Qorti ma laqghetx talba bhal din u b' digriet tal-5 ta' Awissu 2004 appuntat l-appell ghas-smigh u trattazzjoni bir-rizerva li tirrevoka dan id-digriet

jekk l-appell ma kienx jinvolvi "l-punt ta' ligi" li jsemmi s-subinciz (3);

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-appell interpost, is-sentenza appellata u l-inkartament kollu tal-kaz quddiem it-Tribunal, u issa hi in grad li tiddetermina illi tabilhaqq l-eccezzjoni sollevata mill-appellat Attard hi ben fondata;

Jidher mill-kunsiderazzjonijiet li ghamel it-Tribunal illi dan illimita ruhu biex jikkonstata jekk l-appellat odjern giex issensjat ghal raguni tajba u sufficcjenti. Effettivament dawn il-kunsiderazzjonijiet kienu jikkonsistu unikament fir-registrazzjoni tal-provi li rrizultaw quddiemu u fl-osservazzjonijiet tieghu dwar is-sottomissjonijiet fattwali tal-kontendenti;

Evidentement, it-Tribunal kien f' posizzjoni li jaghmel gudizzju biex japprezza x' kienu l-elementi fattwali illi inducewh jasal ghall-konkluzjoni illi t-terminazzjoni ta' l-impjieg ta' Mario Leo Attard ma kienetx skond l-espressjoni tal-ligi, u cjoe, ghal raguni tajba u sufficcjenti. Materja din essenzjalment wahda ta' fatt u li fiha nfisha ma kienet timporta in linea generali ebda punt ta' ligi. Meta allura t-Tribunal esprima l-motivazzjoni jekk ir-raguni tar-ristrutturazzjoni tas-socjeta` kienet il-vera raguni ghat-terminazzjoni ta' l-impjieg u sab li din ma kienetx gusitifikata biex twassal ghal-licenzjament ta' l-impjegat taghha hu ghamel apprezzament tal-fatti u xejn aktar minn hekk. Ghalhekk id-decizjoni ma kienet tissolleva l-ebda punt ta' dritt imma kienet biss taghhmel apprezzament fattwali tal-provi prodotti;

Is-socjeta` appellanti tikkontesta proprju l-mod kif it-Tribunal analizza l-provi migbura u tissottometti fir-rigward ta' din l-analizi l-aggravji fuq elenkati. Dejjem skond l-istess socjeta` appellanti t-Tribunal interpreta l-ligi hazin fuq is-supposizzjoni illi dan kellu jaghti aktar affidament lir-rizultanzi probatorji sottomessi minnu u ma kellux jindahal fl-ezercizzju tad-diskrezzjoni taghha. Bir-rispett kollu l-

argomenti migjuba f' dan il-kuntest, kif tarahom din il-Qorti, ma humiex hlief semplici pretesti biex jigi ntrodott punt ta' dritt fejn dan assolutament ma jezistix. Fil-hsieb tal-Qorti din l-impostazzjoni hi ghal kollox zbaljata u irregolari in kwantu t-Tribunal kien fid-dmir li jindaga u jgharbel dik l-istess diskrezzjoni tas-socjeta` appellanti biex jistabbilixxi s-serjeta` taghha oltre l-kredibilita` tal-provi. F' din l-indagini t-Tribunal sab li l-versjoni ta' l-appellat kienet aktar attendibbli u ghalhekk hu seta' jabbraccja lil din l-istess versjoni u jiskarta lil dik tas-socjeta` appellanti;

Issa hu minnu illi biex ikun hemm lok ta' appell mid-decizjoni tat-Tribunal ma hemmx bzonn li l-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata izda hu sufficcjenti li l-punt ta' ligi li fuqu jsir appell jirrizulta nvolut jew implicitu fid-decizjoni in kwantu, kif pacifikament stabbilit, id-decizjoni tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellant jikkontesta;

Kif gie rilevat is-socjeta` appellanti tikkontendi lit-Tribunal l-indhil fid-diskrezzjoni taghha kif ukoll li l-istess Tribunal donnu ma ezercitax kif suppost id-diskrezzjoni lilu akkordata mil-ligi. Din il-Qorti thoss li ma ghandhiex tacetta b' ghajnejha maghluqa din is-sottomissjoni. It-Tribunal kellu kull dritt jirricerka u jiddeciedi jekk id-diskrezzjoni ta' min ihaddem gietx sew ezercitata, bil-bona fide u b' gustizzja. Imbaghad, meta t-Tribunal ezercita d-diskrezzjoni tieghu hu kellu quddiemu c-cirkostanzi kompleti tal-kaz kif sottomessi lilu u ghal din il-Qorti ma jirrizultax li l-ezercizzju ta' din id-diskrezzjoni ma gietx kondotta kif imiss u skond id-dehen tat-Tribunal. Anzi hi l-fehma tal-Qorti, *ex facie* ta' l-inkartament, illi dik id-diskrezzjoni ma kienetx tiddifetta minn xi attitudni errata u koncett zbaljat dwar dak li skond il-ligi huma s-setghat u l-funzjonijiet tat-Tribunal. Jista' tabilhaqq jinghad illi ma jidherx li t-Tribunal avvicina l-kwestjoni b' vizjoni skorretta tal-ligi;

Gjaladarba din il-Qorti ma ssibx li kien hemm ebda punt ta’ dritt involut u kollox kien jiccentra dwar kwestjoni merament ta’ fatt, jigi li l-appell interpost ma jistax jitqies ammissibbli.

Ghal dan il-motiv din il-Qorti tiddeciedi billi tiddikjara l-appell irritu u null u in kwantu tali tirrespingieh, bl-ispejjez kontra s-socjeta` appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------